MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2008

Numru. 329/2001

**Il-Pulizija**
**Spettur Geoffrey Azzopardi**

**vs**

**Fabian Sciriha**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Fabian Sciriha ta’ 16-il sena bin Francis Xavier u Pauline nee’ Agius imwieled Pieta’ nhar il-15 ta’ Mejju 1985 u residenti Nru 23, ‘Siron’, Triq it-Trincetta, Mosta u detentur tal-karta tal-identita’ numru 266885 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

B'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda ;

a) Fil-25 ta' Jannar 2001 ghall-habta tal-5.30 p.m fil-Mosta, ikkommetta serq ta' handbag kontenenti ghoxrin lira Maltin (Lm20) fi flus kurrenti u xi dokumenti personali ohra, ghad-dannu ta' Salvina Deguara mill-Mosta, liema serq huwa aggravata bil-vjolenza;

b) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, waqt il-kommissjoni tar-reat ta' serq, ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq l-imsemmija persuna, liema offiza gabet marda tal-gisem li damet iktar minn tletin gurnata biex tfieq ;

c) Fl-istess data , lok, hin u cirkostanzi, xjentement iltaqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq jew akkwistati b' reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b' kull mod li kien indahal biex ibieghhom jew imexxihom ;

d) Fit-2 ta' Frar 2001 ghall-habta tas-6 :20 p.m, fil-Mosta, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe' serq ta' handbag minn fuq il-persuna ta' Manuela Abela mill-Mosta, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;

e) Fit-2 ta' Frar 2001 ghall-habta tas-7 :20 p.m fil-Mosta, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe' serq ta' handbag minn fuq il-persuna ta' Margaret Xuereb mill-Mosta, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu ;

f) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Margaret Xuereb mill-Mosta skond ma ccertifika Dr. J. Schembri M.D. mic-centru tas-sahha tal-Mosta ;

g) Fid-dati, hinijiet, lokalitajiet u cirkostanzi imsemmija, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg

haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma teccedix l-ghaxar liri Maltin (Lm10).

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 19 ta’ Novembru 2002 fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli :

a) 18, 261 (a), 276, 277, 329, 226A, 214, 215, 216, 217, 218, 221,
41(1)(a), 325(b), 334, 17(b)(h), 31, 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat li waqt l-udjenza tal-5 ta’ Novembru 2002 l-imputat iddikjara li huwa m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tat-3 ta’ Ottubru 2008 ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti tat piz kbir lix-xhieda tal-probation Officer Marietta Lanzon (xhieda relattiva inserita a fol. 122 u 123 tal-process) fejn din spjegat li l-imputat kellu problema kbira bl-abbuz mid-droga u li meta huwa nghata piena karcerarja in kwantu jirrigwarda proceduri gudizarji ohrajn li tiehdu fil-konfronti tieghu dan ghamillu

gid kbir fis-sens li huwa beda jinghata l-ghajnuna sabiex jeghleb il-problema kbira li kellu. Il-Probation Officer spjegat inoltre li llum il-gurnata l-imputat qed jaghmel programm residenzjali tal-Caritas u jidher li hemm cans kbir li jeghleb il-problema tal-abbuz mid-droga anki ghaliex huwa qed juri volonta' kbira li jaghmel dan u qed jaghmel sforz konkret sabiex jeghleb din il-problema. Il-Qorti jidrilha li ghalkemm ir-reati li taghhom l-imputat qed jinstab hati huma ta' natura serja, huwa ghandu jinghata l-opportunita' li jirriforma ruhu u jeghleb darba ghal dejjem il-probema mill-abbuz mid-droga u ghalhekk mhux ser tigi imposta piena karcerarja effetiva. Il-Qorti qieset ukoll li fiz-zmien li huwa kkommetta reati li taghhom qed jinstab hati permezz tal-kawza odjerna l-imputat kellu biss sittax (16) –il sena u ghalhekk kien minorenni u anki l-fatt li dak zmien huwa kellu fedina penali netta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli kollha tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tad-19 ta' Novembru 2002 kif ukoll l-Artikolu 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal perjodu ta' erba' (4) snin millum.

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-imputat l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha.

L-imputat min-naha tieghu jiddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jonqos milli josservaha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------